MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-12 ta' Awwissu, 2010

Rikors Numru. 805/2010

**Island Ferry Three Company Limited**

**vs**

**Awtorita` ghat-Trasport f' Malta bhala successur fil-poteri u drittijiet tal-Awtorita` Marittima ta' Malta.**

**Wara r-rikors numru 194/2010RCP fl-isem:**
**Rikors tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta (bhala successur fil-poteri u drittijiet tal-Awtorita` Marittima ta' Malta *ai termini* tal-artikolu 10 (4) (gia` 35 (4)) tal-Att dwar Portijiet u Bastimenti (Kap 352 tal-Ligijiet ta' Malta)**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors tas-socjeta` Island Ferry Three Company Limited u ta’ Dr. James Pace datat 11 ta’ Awwissu 2010 fejn ippremetta :-

Illi fl-10 ta’ Awwissu 2010 l-esponenti talbu t-twaqqif tal-bejgh bl-irkant tal-bastiment taghhom “Mecklenburg” billi pprezentaw rikors mahluf ta’ ritrattazzjoni tal-kawza.

Illi r-rikors ghat-twaqqif gie degretat fil-11 ta’ Awwissu 2010 fis-sens illi:

“Il-Qorti,
Regghet rat ir-rikors u t-twegiba tal-Awtorita` intimata;
Rat l-**artikolu 326 (3)** u **823 (5) tal-Kap 12**
Tichad it-talba bla hsara ghar-rikorrenti li tressaq it-talbiet taghha fl-att gudizzjarju xieraq.”

Illi filwaqt li ssir referenza ghal-konferma bil-gurament da parti tar-rikorrenti fl-10 ta’ Awwissu 2010 mal-prezentata tar-**rikors mahluf** ta’ ritrattazzjoni illi hu ma kienx jaf b’dik ir-raguni qabel dak iz-zmien *(illi l-esponenti saru jafu bl-imsemmi bejgh ordnat mill-Qorti meta fl-4 ta’ Awwissu 2010 raw l-avviz li gie ppubblikat minn Transport Malta fil-gurnal ‘The Times’, li kopja tieghu qieghda tigi hawn annessa intitolat “Sale by Auction of Vessel MV “Mecklenberg”. Ghalhekk l-esponenti jiddikjaraw illi huma saru jafu bil-fatti illi minhabba fihom qeghdin jitolbu r-ritrattazzjoni, wara li kien ghalaq iz-zmien tal-appell),* ghal finijiet tal-**artikolu 326 (3) tal-Kap 12** l-esponenti *nomine* jahlef il-kontenut tat-talba tieghu ghat-twaqqif tal-imsemmi bejgh maghmula l-bierah, 10 ta’ Awwissu 2010, u illi huwa sar jaf fl-4 ta’ Awwissu 2010 bl-avviz li l-imsemmi bastiment ser jinbiegh fil-jum fit-12 ta’ Awwissu 2010, meta huwa ra l-avviz fil-gurnal “The Times”.

Illi hemm zewg avukati ndipendenti li jistghu jikkonfermaw li ma kienx hemm avvizi tal-Qorti imwahhla fuq barra tal-ufficcju registrat tas-socjeta` Island Ferry Three Company Limited f’Marina Court 61, Triq Abate Rigord, Ta’ Xbiex, li huma Dr. Antoine Naudi u Dr. Kathleen Mizzi.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna t-twaqqif tal-bejgh tal-bastiment “Mecklenberg”, ghada, 12 ta’ Awwissu 2010, fil-11.00 a.m.

Illi fl-10 ta’ Awwissu 2010 l-esponenti talbu t-twaqqif tal-bejgh bl-irkant tal-bastiment taghhom “Mecklenburg” billi pprezentaw rikors mahluf ta’ ritrattazzjoni.

Ghalhekk l-istess rikorrenti talbu lil din il-Qorti joghgobha tordna t-twaqqif tal-bastiment “Mecklenburg” ghada 12 ta’ Awwissu 2010 fil-11.00 a.m.

Rat ir-risposta tal-Awtorita` tat-Trasport f’Malta datata 12 ta’ Awwissu 2010 a fol 9 tal-process fejn opponiet ghall-istess talba *stante* r-ragunijiet hemm indikati.

Rat li l-Qorti appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghat-12 ta’ Awwissu 2010 fid-9.00 a.m.

Rat il-verbal tal-istess seduta u semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet u r-rikors thalla ghal provvediment finali dwar l-istess ghallum stess.

Rat l-atti kollha ta’ din il-procedura.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi jirrizulta li r-rikors odjern sar mir-rikorrenti abbazi tal-**artikolu 823 (2) tal-Kap 12** sabiex jigu sospizi proceduri li saru *ai termini* tal-**artikolu 10 (4) tal-Kap 352** u l-Qorti thoss li fic-cirkostanzi odjerni u tenut kont tal-procedura specjali abbazi tal-imsemmi **artikolu 10 (4) tal-Kap 352** li abbazi taghha inghata l-provvediment tat-8 ta’ Lulju 2010 (rikors numru 194/2010), it-talba tar-rikorrenti ma tistax tintlaqa’ peress illi fl-ewwel lok, kieku jigi koncess ghal grazzja tal-argument li tali procedura odjerna hija disponibbli ghar-rikorrenti, f’dan il-kaz ma inghatat l-ebda garanzija abbazi tal-**artikolu 823 (2) (a) tal-Kap 12** u dan skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 266 (10)** tal-istess **Kap**; jinghad ukoll li fic-cirkostanzi odjerni din il-Qorti thoss li lanqas gie ppruvat dak rikjest fl-**artikolu 823 (2)**

**(b) tal-Kap 12**, tenut kont ta' dak provdut fl-**artikolu 9** u **10 tal-Kap 352**, li anke abbazi taghhom saret il-procedura tar-rikors numru 194/2010 deciz fit-8 ta' Lulju 2010. Dan qed jinghad anke *in vista* tal-fatt li tali kondizzjonijiet ezistenti fid-data tal-prezentata tal-istess rikors imsemmi ghadhom jissussistu anke llum skont kif jirrizulta mill-verbal odjern u senjatament minn dak li ddikjara Dr. Franco Vassallo ghan-nom tal-Awtorita` intimata.

Illi fit-tieni lok fuq kollox jinghad ukoll illi jirrizulta li l-proceduri bir-rikors numru 194/2010 deciz fit-8 ta' Lulju 2010 huma proceduri specjali abbazi tal-imsemmi **artikolu 10 tal-Kap 352** u li d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 823 (2)** u l-artikoli l-ohra dwar il-proceduri tar-ritrattazzjoni inkluz l-**artikolu 811 (b) tal-Kap 12** ma japplikawx ghall-istess procedura kif sewwa indikat fil-paragrafu numru 2 tar-risposta tal-Awtorita` tat-Trasport f'Malta fil-proceduri odjerni.

Illi ghal kompletezza jinghad li l-istess rikorrenti odjerni gia` pprezentaw procedura simili abbazi tal-**artikolu 823 (2) tal-Kap 12** (rikors 801/2010) fl-10 ta' Awwissu 2010, liema rikors gie deciz fil-11 ta' Awwissu 2010 minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef. Illi ghalhekk anke kieku ghal grazzja tal-argument jigi koncess illi huwa applikabbli l-**artikolu 823 tal-Kap 12**, fic-cirkostanzi l-procedura idonea hija dik ta' appell minn l-istess provvediment, kif jidher li qed tipprovdi l-ligi stess abbazi tal-**artikolu 823 (6) tal-Kap 12**.

Illi bla pregudizzju ghal dak kollu hawn deciz, jinghad ukoll ghal grazzja tal-argument li fi kwalunkwe kaz, din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad mill-Awtorita` intimata dwar l-applikazzjoni tal-**artikolu 823 (5) tal-Kap 12** u din il-Qorti thoss u taqbel li abbazi tal-imsemmija disposizzjoni tal-ligi l-**artikolu 823 (5) tal-Kap 12** huwa fi kwalunkwe kaz applikabbli ghal provvediment moghti skont l-**artikolu 10 (4) tal-Kap 352,** anke kieku jigi ghal grazzja tal-argument koncess li l-procedura ta' ritrattazzjoni hija ammissibbli f' dan il-kaz ta' din ix-xorta.

Illi ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet it-talba tar-rikorrenti qed tigi michuda.

**KONKLUZJONIJIET.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tilqa' ir-risposta tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta datata 12 ta' Awwissu 2010 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad it-talba tar-rikorrenti fir-rikors taghhom tal-11 ta' Awwissu 2010 peress li hija infondata filfatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn moghtija.**

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti

**< Provediment >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------